L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

SECRET - CABINET PAPERS

MINUTI

Laqgha tal-Kabinett Nru. 9

Kastilja, 20 ta' Jannar 1977

fid-9.00 p.m.

Prezenti:-

| | |
|---|---|
| L-Onor Dom Mintoff | Prim Ministru - Chairman |
| L-Onor Joseph Cassar | Ministru tal-Gustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament |
| L-Onor Agatha Barbara | Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura |
| L-Onor Joseph Abela | Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu |
| L-Onor Lorry Sant | Ministru tax-Xoghlijiet uSports |
| L-Onor Wistin Abela | Ministru ta' l-Izvilupp, Energija, Port u Telekommunikazzjonijiet |
| L-Onor Freddie Micallef | Ministru tal-Industriji Parastatali u tal-Poplu |
| L-Onor Danny Cremona | Ministru tas-Sajd, Industrija u Agrikoltura |
| L-Onor Philip Muscat | Ministru ta' l-Edukazzjoni |

Il-Ministri Daniel Piscopo, Patrick Holland u Vincent Moran kienu msiefrin.

Prezenti Wkoll:-

Dr Edgar Mizzi
Mr Tony Galdes

1. Minuti

Il-Ministri approvaw il-minuti tal-laqgha Nru 8.

2. Il-Prim Ministru flimkien mal-Ministri ezaminaw l-effett tal-mizuri l-godda li kienu sejrin jigu mdahhla fil-Budget ghas-sena finanzjarja 1977-78.

2/...

I. Tnehhija ta' sussidju minn (a) fuq il-hobz, ghagin, kalkolat li jilhaq madwar £25m. u (b) fuq il-gwiez li kien stmat li jilhaq £6m. kalkolat fuq il-figuri tal-1976/77. It-tnehhija tas-sussidju minn fuq dawn flimkien ma' dawk fuq iz-zejt (fuel) inkluz is-sussidji fuq il-pitrolju lill-furnara ecc u lil min hu fil-bzonn, kien stmat li jhalli 'saving' ta' £4m. Is-sussidju fuq il-pitrolju lill-furnara ecc issa jkun inkluz fil-prezz tal-hobz u 60c lil min hu fil-bzonn ikun inkluz fiz-zieda tal-Ghajnuna Pubblika.

II. Ghoti ta' Beneficcji

Dawn il-beneficcji kienu kkalkulati li sejrin jiswew:

| | | |
|---|---|---|
| i. | Old Age Pension (Mhux Kontributorja) u Social Assistance | £0.8m |
| ii. | National Insurance | £1.6m |
| iii. | Pagi u Salarji | £2.3m |
| iv. | Bonus | £0.5m |
| v. | Income Tax | £0.5m |
| | Total | £5.7m |

Il-laqgha tkompliet fil-21 ta' Jannar, 1977 fil-12.15 p.m.

3. Il-Prim Ministru informa lill-Kabinett b'dawn il-proposti godda:-

Pensjoni tax-Xjuh taht is-Sigurta Nazzjonali

| | |
|---|---|
| Guvni | minn £5.94 ghal £7 |
| Mizzewweg | minn £9.90 ghal £11.50,0 |

Injuries Benefit

| | |
|---|---|
| Guvni | minn £7.44,0 ghal £9 |
| Mizzewweg | minn £11.40,0 ghal £13.50,0 |



L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

Children's Allowance

| | | |
|---|---|---|
| L-ewwel tarbija | minn 80c ghal £1.10,0 | zieda ta' 30c |
| It-tieni tarbija | minn 64c ghal 90c | zieda ta' 26c |
| It-tielet tarbija | minn 36c ghal 50c | zieda ta' 14c |

B'kollox ghal tlett itfal titla' minn 180c fil-gimgha ghal 250c, zieda ta' 70c

Iz-zieda hija ta' kwazi 40%.

Bolli

| | |
|---|---|
| Is-self employed | minn £1.62,0 ghal £2.26,0 |
| L-impjegat | minn 89c ghal £1.14,0 |
| Mhux impjegat | minn 91c5 ghal £1 |

Fuq din il-bazi, il-kontribuzzjonijiet kollha, voldieri l-Income tan-National Insurance Fund jitla' minn £12.656 m. ghal £16.638 m., jigifieri zieda ta' madwar £M4 m. Il-kontribuzzjoni diretta tal-Gvern (State Contribution) tizdied b'£M1.3 m. minbarra dik li l-Gvern ihallas bhala employer jew £M0.36 m., u dik li jrid izid fil-paga biex l-impjegat ihallas il-bolla, jew £M1.2 m. - b'kollox zieda ta' madwar £M3m.

Income Tax

Id-deduzzjoni Personali

| | |
|---|---|
| single | minn £430 ghal £500 |
| mizzewweg | minn £780 ghal £870 |

Is-Surtax

L-exemption limit ghandu jitla' fil-kaz ta' guvni b'£700 u fil-kaz ta' mizzewweg b'£1,000, igifieri jkun hemm zewg limits wiehed ta' £3,400 u l-iehor ta' £3,700. Dawn il-mizuri fl-income tax jibdew isehhu mis-sena ta' stima 1978.



L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

## Spiza Kapitali

L-ispiza kapitali ghall-1977/78 titla' ghal ftit aktar minn £M32m.

## Mizuri Godda dwar Sussidji

Sejjer jitnehha is-sussidju minn fuq il-hobz u l-ghagin pero' tinghata allowance minnufih lill-familji biex tkopri d-differenza. Dawn il-pagamenti jsiru kull xahrejn bil-quddiem. Il-prezz tal-halib jibqa' l-istess ~~pero' nghinu lir-rahhala b'sussidju.~~

Fis-2.30 p.m. is-seduta aggornat sine die.

.............................  .............................

Segretarju tal-Kabinett  Chairman tal-Kabinett

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA